PDF Compressor Pro



Il-Ministru Giovanna Debono tidher waqt it-tniedija ta' skema ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-programm eko-Għawdex.

Għotja ta' €50,000 għal kull proġett marbut ma' Eko-Għawdex

Il-Ministeru għal Għawdex nieda skema ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-programm eko-Għawdex, imwettqa minn Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) u għaqdiet volontarji Għawdxin. Permezz ta' din l-iskema, kull NGO u għaqda volontarja tista' tibbenefika minn kontribuzzjoni ta' 95% tan-nefqa totali sa massimu ta' €50,000, għal proġetti li jkunu qed jimplimentaw tal-inqas waħda mit-80 proposta tal-Pjan ta' Azzjoni ta' eko-Għawdex għas-snin 2010 – 2012.

Din l-iskema tħabbret waqt konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, wara li fil-jiem li għaddew l-istess Ministeru nieda skema simili għal proġetti mwettqa mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi f'Għawdex. Il-Ministru Debono stiednet lill-għadd ta' membri ta' NGOs u ta' għaqdiet volontarji Għawdxin li kienu preżenti biex jindividwaw proġetti li jistgħu jwettqu f'Għawdex u li huma konformi mal-kriterji tal-proposti elenkati fil-pjan ta' azzjoni, u li jkunu ta' benefiċċju u ta' ġid għas-soċjetà Għawdxija. Debono tat diversi eżempi ta' proġetti li jistgħu jitwettqu minn dawn l-għaqdiet, fosthom proġetti ta' *energy efficiency* u *energy saving,* proġetti għall-ħażna tal-ilma, programmi ta' għarfien dwar l-obesità, stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, azzjoni kontra l-abbuż tal-alkoħol u titjip, promozzjoni internazzjonali għassettur tad-*diving,* l-iżvilupp ta' *childcare facilities* fil-komunità, taħwil ta' siġar, inizjattivi relatati ma' l-agro-turiżmu u eko-turiżmu, kif ukoll tnaqqis ta' emissjonijiet tat-traffiku u *electric cars.*

Il-proġetti li ser ikunu qed jibbenefikaw minn din l-iskema ser jitħabbru matul Frar u għandhom jiġu implimentati sa Novembru ta' din is-sena.



Uħud minn dawk li attendew għal-laqgħa ta' talb ta' Padre Pio

Jiltaqgħu l-Gruppi ta' Talb Padre Pio

Il-Gruppi ta' Talb Padre Pio, iltaqgħu flimkien fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat.

Il-Kapuċċin Dun Alfred Scerri, Direttur Nazzjonali tal-Gruppi Ta' Talb, iċċelebra quddiesa assistit minn Patri Karm Dimech, Gwardjan tat-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex. Wara waqfa qasira għall-kafè, Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù tkellem dwar San Pio ta' Pietrelcina. Wara ħafna minn dawk preżenti qagħdu għall-ikla li saret fir-refretorju tal-kunvent. Ikla tajba kif taf issajjar il-koka tal-kunvent, Doris Pace min-Nadur.

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Lorraine Apap tidher tirċievi Ġieħ il-Munxar, f'isem ħuha Alfred, li kien imsiefer

Ġieħ il-Munxar

Waqt serata organizzata mill-Kunsill Lokali, Munxar, biex ifakkar Jum il-Munxar, **Alfred Grech**, persuna attiva fil-Parroċċa tal-Munxar, irċieva Ġieħ il-Munxar. Alfred Grech, imwieled fl-1964, ilu għal snin sħaħ jaħdem b'mod volontarju f'diversi għaqdiet tal-lokalità u serva f'diversi karigi. Kien President tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, Segretarju tal-*Munxar Falcons FC*, serva fil-Kumitat Inter-Djocesan tas-Sena Pawlina, fiż-żewġ kumitati li twaqqfu biex jorganizzaw iż-żjarat tal-Papa f'Malta u huwa wkoll Segretarju tal-Kunsill Parrokkjali.



Żjara fl-istazzjon tar-Radju tal-Komunità t'Għajnsielem


Pierre Cassar Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ta' Malta kien il-mistieden ta' Maria Xerri għall-programm tagħha' Bħal f'Mera' li xxandar live fuq Radju Lauretana, ir-Radju tal-Komunità t'Għajnsielem. Is-Sur Cassar ntlaqa' u ġie mdawwar mal-uffiċċini tar-radju minn Lelio Spiteri *Station Manager.*



Ktieb ġdid

George Cini jidher jiffirma kopji tal-ktieb tiegħu **Strada Stretta**, it-triq li darba xegħlet il-Belt (Triq id-Dejqa, triq li darba injettat ħajja fil-Belt Valletta), fiċ-Ċentru tax-Xiri Arcadia fir-Rabat Għawdex.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.
Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna